MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 903/2011

**Gorg Grech bhala direttur**
**Mistral Sund Limited (C 32639)**

**vs**

**Ministru ghall-Infrastruttura Trasport u Komunikazzjoni,**
**Sindku u Segretarju Kunsill Lokali Qormi u**
**b'digriet datat 2 ta' Marzu 2012, giet kjamata in kawza**
**Transport Malta**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur iddikjara illi a spejjez tieghu fassal u ghamel bankina u rampa gewwa Triq il-Kbira, Qormi wara li l-Kunsill Lokali, Qormi informah li f'dak iz-zmien ma kienx hemm fondi ghal dan ix-xoghol. L-ispiza telghet ghal elf hames mija, disgha u tletin ewro u hamsa u disghin centezmu (€1,539.95). Illi ftit zmien wara li tlestiet il-bankina msemmija l-istess Kunsill Lokali hallas kuntrattur John Vella fuq xoghol simili ta' bankina ohra fl-istess triq (zewgt bankini proprjeta' pubblika). Ghaldaqstant l-attur

jitlob il-hlas ta’ elf hames mija, disgha u tletin ewro u hamsa u disghin centezmu (€ 1,539.95) bl-ispejjez.

Ra r-risposta tal-Kunsill konvenut, li permezz taghha gie eccepiet; (i) Illi l-Kunsill Lokali konvenut mhuwiex il-legittimu kontradittur f’din il-kawza, u dana peress illi l-allegat spejjez li ghamel l-attur ma setghu qatt isiru mill-Kunsill Lokali konvenut, u kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza; (ii) illi ebda amont ma huwa dovut mill-Kunsill Lokali konvenut u dan peress li qatt ma nkariga jew ta struzzjonijiet jew b’xi mod awtorizza lis-socjeta’ attrici biex tghamel l-allegati spejjez reklamati permezz tal-avviz promotur; (iii) Illi l-Kunsill Lokali konvenut bl-ebda mod bhala stat ta’ fatt u fil-ligi ma ghandu obbligu jirrizarcixxi s-socjeta’ attrici ghall-allegati spejjez; (iv) illi din il-kwistjoni tiga’ giet trattata mill-Bord ta’ Governanza Lokali, liema Bord huwa stabbilit bil-ligi, u ddikjara li l-Kunsill Lokali konvenut ma kienx tenut jezegwixxi x-xogholijiet rikjesti mis-socjeta’ attrici, dan kif jirrizulta mill-kopja tad-decizjoni annessa u mmarkata Dok K1; (v) Illi fi kwalunkwe kaz, is-socjeta’ attrici ghandha tipprova l-ispejjez minnha allegatament inkorsi u a bazi ta’ liema obbligu qieghdha tintavola t-talbiet taghha; (vi) Salv ghal eccezzjonijiet ohra permessi mil-Ligi.

Ra r-risposta tal-Ministru ghall-Infrastruttura, Trasport u Kommunikazzjoni li permezz taghha eccepixxa illi t-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tieghu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li huma minghajr pregudizzju ghal xulxin; Illi l-Ministru ghall-Infrastruttura, Trasport u Kommunikazzjoni ma huwiex il-legittimu kontradittur ghal din it-talba; Illi l-Kunsilli Lokali huma responsabbli illi jzommu fi stat tajjeb kull Triq fil-lokalita’ taghhom ai termini tal-artikolu 33(1)(a), Kap 336 tal-Ligijiet ta’ Malta; Illi fl-istess talba r-rikorrenti jiddikjara illi huwa fassal u ghamel bankina u rampa gewwa Triq il-Kbira, Qormi wara li l-Kunsill Lokali, Qormi nfurmah li f’dak iz-zmien ma kienx hemm fondi ghal dan ix-xoghol; Ghaldaqstant, stante s-suespost, l-esponenti jitlob bir-rispett lil dan it-Tribunal joghgbu jirrespingi r-rikors odjern fil-konfront tieghu peress li l-esponenti mhuwiex responsabbli ghal hlas ta’ bankina u rampa sofferti mir-rikorrenti.

Ra l-verbal tas-seduta tat-2 ta’ Dicembru, 2011, fejn intalbet korrezzjoni fir-risposta tal-Ministeru konvenut, in kwantu l-Kap tal-Ligi li ghalih kienet qed issir referenza kien Kap 363 tal-Ligijiet ta’ Malta, u mhux Kap 336 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif gie indikat fl-istess risposta;

ra d-digriet tieghu li permezz tieghu giet akkolta t-talba ghall-korrezzjoni, u ordna li ssir tali korrezzjoni.

Ra r-rikors tal-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Kommunikazzjoni datat 1 ta’ Marzu, 2012, li permezz tieghu talab illi ghandha tigi kjamata in kawza l-Awtorita’ ghat-Trasport f’Malta; ra d-digriet tieghu tat-2 ta’ Marzu, 2012, li permezz tieghu din it-talba giet milqugha.

Ra r-risposta tal-Awtorita’ konvenuta, li permezz taghha gie eccepiet; (i) Illi l-Awtorita’ konvenuta m’hix il-legittimu kontradittur f’din il-kawza u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u dan kif ser jirrizulta waqt is-smigh u t-trattazzjoni tal-kawza; (ii) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, m’hemm ebda relazzjoni guridika bejn l-Awtorita’ konvenuta u l-attur u l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet ta’ l-attur u dan kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni tal-kawza; (iii) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet ta’ l-attur huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt; (iv) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita’ konvenuta m’ghandha taffettwa ebda hlas lill-attur; (v) Salv eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjez.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi l-attur qed jitlob refuzjoni ta’ hlas li gie mwettaq minnu lil certu Alexander Aquilina sabiex inbniet bankina quddiem block ta’ appartamenti li l-izvilupp taghhom sar mill-istess attur. Illi kif spjega l-istess attur, hu akkwista porzjon art fi Triq il-Kbira, Qormi, u zviluppaha fi block ta’ appartamenti. Eventwalment, meta gie kompletat ix-xoghol ta’ kostruzzjoni, hu avvicina lill-Kunsill Lokali sabiex tigi kostruita l-bankina quddiem dan il-block, izda hu gie mgharraf illi din ma kienitx ser issir mill-Kunsill; inizzjalment jidher illi qalulu li ma setghux ihallsu ghaliex ma kienx hemm fondi, izda eventwalment, u wara li bghat ittra lill-Kunsill (a fol. 17 tal-atti) sabiex jitlob il-hlas, gie informat permezz ta’ ittra datata 10 ta’ Novembru, 2010 (a fol. 19), illi tali xogholijiet m’humiex responsabilita’ tal-

Kunsill, u ghalhekk ebda hlas ma kien dovut mill-istess Kunsill. Illi l-attur iddikjara illi hu gie kostrett li jibni din l-bankina minhabba l-kwantita' ta' ilma tax-xita li jghaddi minn din it-triq, u liema ilma kien allura ser jipperkola ghal gewwa l-proprjeta' tal-istess attur. Illi hu jsostni wkoll illi fl-istess triq, ftit distanza l-boghod minn fejn wettaq l-izvilupp hu, gie zviluppat sit iehor minn kuntrattur iehor, u cioe' certu John Vella, u quddiem dan is-sit inbniet il-bankina, izda din la nbniet minn dan l-izviluppatur u lanqas hallas ghaliha.

Illi dan gie konfermat mill-istess John Vella, li ddikjara illi hu kien xtara plot fi Triq il-Kbira, Qormi, u biegh parti minnha lil terzi; illi hu zviluppa dik il-parti li zamm hu, filwaqt illi l-parti l-ohra tal-plot li biegh lit-terzi, giet zviluppata mit-terz. Illi eventwalment giet kostruita bankina kemm quddiem il-block li gie zviluppat mit-terz, u anke quddiem il-block li gie zviluppat minnu, u ma wettaq ebda hlas ghall-bankina li saret quddiem il-block tieghu.

Illi xehed ukoll Alexander Aquilina illi kkonferma illi hu gie nkarigat mill-attur sabiex jibni l-bankina in kwistjoni, u li rcieva l-hlas ghax-xoghol imwettaq minnu minghand l-istess attur. Illi xehed ukoll l-Assistent Direttur fi hdan id-Dipartiment tal-Artijiet u ddikjara illi meta plot li jigi zviluppat jikkonfina ma' triq pubblika, bhal m'hi Triq il-Kbira, Hal Qormi, anke jekk tali bankina tigi kostruita mill-privat, din tkun comunque proprjeta' tal-Gvern. Iddikjara wkoll illi dan id-Dipartiment la huwa involut fil-kostruzzjoni ta' bankini, u lanqas il-manutenzjoni taghhom. Illi l-unika konnessjoni li jkollu bhala Dipartiment huwa t-titolu ta' proprjeta' fuq l-istess bankina.

Illi s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill konvenut iddikjara illi ai termini tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, l-obbligu tal-Kunsill Lokali huwa ta' manutenzjoni tal-bankini, u mhux il-kostruzzjoni taghhom. Ikkonferma illi qabel ma gie mwettaq l-izvilupp mill-attur tas-sit in kwistjoni, ma kienx hemm bankina quddiem dan il-plot, u kien hemm cint li jikkonfina mat-triq. Illi eventwalment, u wara li sar l-izvilupp, ic-cint tnehha, u nbniet il-bankina fejn kien hemm ic-cint sal-parti esterna tal-block. Illi dwar il-hlas li l-Kunsill gie mitlub li jwettaq, l-attur gie nformat illi dan ma hux dovut mill-Kunsill, u dwar l-ilment li l-attur ressaq mal-Local Governance Board, il-Kunsill konvenut inghata l-opportunita' li jressaq id-difiza tieghu, u nghatat decizjoni fit-3 ta' Marzu, 2011 (a fol. 63 tal-atti), li permezz taghha gie dikjarat illi l-ilment tal-attur ma kienx gustifikat fil-parametri tal-provvedimenti tal-Artikolu 33 tal-Kap 363 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi rega' sostna illi l-kostruzzjoni ta' bankini fl-lokalita', m'hix responsabilita' tal-Kunsill, izda biss il-manutenzjoni taghhom. Illi

b'referenza ghad-deposizzjoni li nghatat minn John Vella, u aktar specifikament dwar jekk sarx hlas mill-Kunsill sabiex giet kostruita l-bankina quddiem il-block li gie zviluppat minnu, xehed illi minn verifiki illi saru ma rrizultax illi l-Kunsill wettaq hlas lil xi kuntrattur sabiex giet kostruita bankina gdida, izda biss sabiex sar *resurfacing* ta' bankini ezistenti b'materjal iehor.

Illi mix-xhieda li nghatat minn Ufficjali fi hdan Transport Malta rrizulta illi sar xi *resurfacing* ta' bankini f'din it-triq specifika fl-2005, u fl-2008 inhareg ukoll permess sabiex sar tqeghid ta' cables minn Melita p.l.c. Illi mill-kumplament, ma nhargu ebda permessi ohra minn din l-Awtorita' ghal xogholijiet f'din it-triq, u lanqas ma saret ebda talba mill-Kunsill jew mill-attur sabiex jinghataw permess sabiex tigi kostruita din il-bankina, jew biex jircievu hlas ghal spejjez li saru in rigward. Illi anzi jsostnu illi meta l-izviluppatur ta' dan il-plot, u cioe' l-attur, bena din il-bankina, dan sar minghajr id-debita awtorizazzjoni tal-Awtorita' u lanqas tal-MEPA.

Ikkunsidra,

Illi l-attur qed jitlob hlas tas-somma ta' elf hames mija disgha u tletin ewro u hamsa u disghin centezmu (€1,539.95) minghand il-konvenuti, jew min minnhom, liema ammont jirrizulta minn fattura li kopja taghha tinsab a fol. 18 tal-atti, u liema ammont jirrapprezenta spejjez imhallsa mill-attur sabiex giet kostruita bankina quddiem porzjon art li giet zviluppata minnu fi Triq il-Kbira, Qormi. Illi rrizulta illi qabel ma gie mwettaq tali zvilupp, ma kienx hemm bankina f'din il-parti tat-triq, ghaliex kien plot vakanti, u kien hemm cint jikkonfina mat-triq. Illi ghalhekk, wara li sar l-izvilupp mill-attur, kellha tigi mfassla u kostruita bankina.

Illi l-Kunsill konvenut jikkontendi illi gialadarba ma kienx hemm bankina, u l-hlas mitlub jirrigwarda l-kostruzzjoni ta' tali bankina, u mhux xogholijiet ta' manutenzjoni jew ristrutturazzjoni ta' bankina 'gia ezistenti, allura tali spiza m'hix attribwibbli lill-Kunsill konvenut, li l-mansjonijiet u responsabiltajiet tieghu huma regolati mill-Artikolu 33 tal-Kap 363 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi f'dak li jirrigwarda l-Ministeru konvenut, ma jirrizultax daqstant car mill-provi mressqa mill-attur dwar x'inhu l-inolviment jew interess guridiku tieghu fir-rigward tat-talba avanzata mill-attur, ghaliex ghalkemm dan il-Ministeru huwa responsabbli mit-toroq u l-kordinazzjoni

tal-kostruzzjoni tat-toroq, madanakollu, ma tressqet ebda prova li tindika xi involviment ta' dan il-Ministeru fil-materja mertu ta' din l-azzjoni; filwaqt li r-rapprezentant tad-Dipartiment tal-Artijiet iddikjara illi m'ghandu ebda involviment f'dak li jirrigwarda l-kostruzzjoni u l-manutenzjoni ta' bankini, anke f'toroq pubblici.

Illi f'dak li jirrigwarda l-kostruzzjoni ta' bankini, irrizulta mid-deposizzjoni li nghatat mir-rapprezentanti tal-Awtorita' kjamata in kawza, illi jkun mehtieg permess illi jinhareg mill-istess Awtorita', kif ukoll mill-MEPA. Illi l-istess rapprezentanti ddikjaraw illi minn ricerki illi huma wettqu, l-attur ma ottjena ebda wiehed minn tali permessi. Illi da parti tieghu, l-attur ipprezenta kopja tal-permess tal-MEPA relattiv ghall-izvilupp tas-sit fejn gie kostruit il-block ta' appartamenti, u ghamel referenza wkoll ghar-*road contribution* u *drainage contribution* li gie kostrett li jhallas sabiex jinghata l-permess ta' zvilupp. Illi l-istess attur jaghti x'jifhem illi gialadarba gie mwettaq tali hlas, allura ghandu jinghata refuzjoni tal-ispejjez li hu wettaq sabiex giet kostruita l-bankina, li *ai fine dei conti* hija ghal beneficcju mhux unikament tal-persuni li jaccedu ghall-block in kwistjoni, izda wkoll ghall-pubbliku b'mod generali.

Ikkunsidra,

Illi s-setghat u funzjonijiet tal-Awtorita' kjamata in kawza fir-rigward ta' trasport stradali u toroq, huma regolati mill-Artikolu 7 tal-Kap 499 tal-Ligijiet ta' Malta, li fost ohrajn jipprovdi illi l-Awtorita' ghandha: " *... (b) tokkupa, tippjana, tiddisinja, tibni, tibni mill-gdid, tamministra, taghmel manutenzjoni, issewwi u tirrestawra toroq u li tipprovdi jew tizgura jew tmexxi 'l quddiem provdiment ghal dan kollu u wkoll li tipprovdi jew tizgura provdiment ta' servizzi ghal dawk l-ghanijiet u timmanigga u tikkontrolla kull xoghol mehtieg, inkluz l-ippjanar u l-ipprogrammar relattiv u l-ippjannar u l-ipprogrammar ghall-bini u l-formazzjoni mill-gdid ta' toroq ezistenti: Izda meta l-manutenzjoni ta' xi triq tkun taqa' taht ir-responsabbilta' ta' Kunsill Lokali skond l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-manutenzjoni ta' dik it-triq ma ghandhiex tkun, fil-qies ta' dik ir-responsabbilta', il-funzjoni tal-Awtorita' sakemm ma jkunx intlahaq ftehim dwar dak bejn il-Kunsill Lokali u l-Awtorita': Izda wkoll, meta triq tkun se tigi ffurmata minn xi persuna skond xi ligi ohra, ma tkunx il-funzjoni tal-Awtorita' li*

*tifforma dik it-triq; ... (d) minghajr pregudizzju ghal kull applikazzjoni li tista' tkun mehtiega li ghandha ssir taht l-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp, li tagixxi bhala l-unika awtorita' biex taghti permessi ghal xogholijiet fit-toroq; ... (f) li tippjana, tiddisinja, tirregola u tawtorizza s-sinjali jew tabelli tat-trfafiku fit-toroq, marki fit-toroq u mizuri ghall-ikkalmar tat-traffiku, l-istallazzjoni ta' apparat ghall-kontroll tat-traffiku u apparat relatat li jahdem bid-dawl, il-kostruzzjoni ta' stoffi fit-toroq, u l-istallazzjoni ta'* cameras *tal-velocita' u facilitajiet ohra tat-traffiku fit-toroq ghal skopijiet ta' immaniggar u kontroll tat-traffiku ...*".

Illi ghalkemm l-Artikolu tal-Ligi jipprovdi estensivament dwar is-setgha tal-Awtorita' tat-Trasport f'dak li jirrigwarda l-kostruzzjoni ta' toroq u affarijiet konnessi u relatati mal-istess, fl-ebda wiehed mis-subincizi ta' dan il-provvediment tal-Ligi m'hemm referenza ghall-bini ta' bankini. Illi ghalhekk, ma jidhirx illi jaqa' fil-kompetenza ta' din l-Awtorita' illi twettaq il-kostruzzjoni tal-istess, jew li tirrifondi spejjez lill-individwi li jibnu tali bankini. Illi ghalhekk, u tenut kont illi f'subinciz (d) hawn fuq ikkwotat, hemm specifikat illi l-Awtorita' kjamata in kawza hija l-unika entita' li tista' taghti permessi ghal xogholijiet fit-toroq – salv il-MEPA, fejn applikabbli – u gialadarba f'dan il-kaz irrizulta mid-deposizzjoni li nghatat mir-rapprezentanti tal-Awtorita' illi l-istess Awtorita' ma tat ebda permess lill-attur sabiex jigi mwettaq dan ix-xoghol ta' kostruzzjoni tal-bankina, jsegwi ghalhekk illi l-Awtorita' kjamata in kawza ma ghandhix tigi kkundannata tirrifondi flus ghal xogholijiet li ma gewx awtorizzati u sanzjonati minnha.

Illi fit-trattazzjoni mill-abbli difensur tal-attur, saret referenza ghal-legislazzjoni sussidjarja 499.57, li dahlet fis-sehh b'effett tal-Avviz Legali 29 tal-2010, fejn f'Artikolu 3 tal-istess hemm dikjarat illi l-Awtorita' kjamata in kawza ghandha tipprovdi ghall-kostruzzjoni, twessiegh, migliorament, tisbiegh, maneggjar u manutenzjoni tat-toroq arterjali u distributorji ta' Malta, filwaqt illi fir-rigward tat-toroq l-ohra, il-manutenzjoni u zamma taghhom tkun ir-responsabilita' tal-Kunsilli Lokali skont l-Artikolu 33 tal-Kap 363 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi f'dan il-kaz, ma ngabitx prova mill-attur dwar il-klassifikazzjoni tat-triq in kwistjoni, li ghalkemm hija triq principali, ma rrizultax jekk hiex wahda mit-toroq amministratati mill-Awtorita' kjamata in kawza jew mill-Kunsill konvenut. Illi oltre dan, u tenut kont illi l-attur ma ottjeniex id-debita permess minghand l-Awtorita' kjamata in kawza sabiex iwettaq ix-xoghol ta' kostruzzjoni tal-bankina, jwassal lil dan it-Tribunal ghall-konkluzjoni illi l-attur ma ottemperax ruhu mal-procedura kif regolata mill-Avviz Legali 29/2010, li fost ohrajn jirrikjedi illi x-xoghol jigi mwettaq minn kuntrattur li jkun rikonoxxut u approvat mill-

Awtorita’ kjamata in kawza. Illi ghalhekk, u fic-cirkostanzi, it-Tribunal ser jghaddi sabiex jichad it-talba tal-attur.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jilqa’ l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti u mill-kjamata in kawza, qed jichad it-talba tal-attur.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------